MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2005

Numru. 108/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
(Spettur David Saliba)
vs
Etienne Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Etienne Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 283478 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-14 ta’ Dicembru, 2001, ghall-habta tal-11.00 a.m. minn “Ghomar House” Triq tas-Sliema l-Gzira ikkommetta serq ta’ curkett tad-deheb bil-hagar tad-djamanti, ghad-detriment tas-Sinjuri Cassar, liema curkett kien jiswa erbat elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500), u liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur.

U talli fl-istess gurnata, lok, hin u cirkustanzi, u fil-granet ta’ wara xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom (cioe' curket tad-deheb b'hagar prezzjuz);

Semghet ix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 261 (c) (d) (e), 267, 268, 269, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;

Ikkunsidrat :

Illi fis-16 ta' Dicembru, 2001 certu Doris Cassar irrappurtat l-ghassa tas-Sliema li fil-jum ta' qabel kienet skopriet li minn gol-handbag personali taghha li fih izomm il-gojjelli kollha taghha kien naqsilha curkett bil-hagar tad-djamanti illi skond ricevuta mahruga mis-socjeta' Meditterean Diamonds kien jiswa LM4,500 (erba' telef u hames mitt lira Maltin). Hija esebiet kopja ta' l-istess ricevuta datata 20 ta' Marzu, 1991. Is-Sinjura Cassar qalet lill-pulizija illi l-unika persuna li setghet serqitilha ic-curkett kien wiehed miz-zewg impjegati tas-socjeta' Melita Cable, illi fil-jiem ta' qabel kienu accedew fir-residenza taghha il-Gzira. L-Ispettur Bonnici xehed fil-Qorti illi wara illi ghamel il-verifiki tieghu irrizultalu illi z-zewg impjegati tal-Melita Cable in kwistjoni kienu l-imputat fuq imsemmi u certu Roderick Agius. L-Ispettur kompla jitkellem mal-imputat fuq imsemmi illi insista illi ried jerfa l-piz ta' dak kollu li kien ghamel u b'hekk il-pulizija rat illi ma kellhiex kaz kontra Agius. L-Ispettur kompla jkellem lill-imputat fuq imsemmi illi qallu illi c-curkett ma kienx ghadu ghandu u ried jofri l-flus kemm kien jiswa dan ic-curkett lill-vittmi. Huwa insista illi l-genituri tieghu flimkien ma nannuh setghu jghinuh sabiex ihallas lill-vittmi. L-imputat ried ukoll illi jingiebu l-vittmi quddiemu u jitlobhom skuza. Fuq insistenza ta' l-

istess imputat l-Ispettur Bonnici cempel lill-genituri tieghu u lil nannuh u l-imputat ammetta quddiemhom, fost hafna biki, u talabhom jghinuh sabiex ihallsu lill-vittmi. L-Ispettur Bonnici ikkonceda lill-imputat jitkellem wahdu mal-genituri tieghu ghal hin konsiderevoli. Saret ukoll tfittxija fil-Furjana mill-imputat flimkien ma PC 333 Vince Calleja ghall-Libyan illi allegatament l-imputat kien bieghlu dan ic-curkett, izda il-Libyan baqa' ma instabx. Gara illi ghall-habta ta' xi sebgha u nofs ta' filghaxija l-Ispettur Bonnici gie infurmat illi xtaq ikellmu Dr Fenech Adami. L-Ispettur irritorna l-ghassa fejn sab lill-imputat jitkellem mal-genituri tieghu u hemm hekk l-Ispettur waqqaf il-kuntatt bejniethom. L-Ispettur tkellem ma omm l-imputat illi infurmatu illi ried ikellmu Dr Fenech Adami u wara illi l-Ispettur kellem lil Dr Fenech Adami fuq it-telephone huwa umbaghad rega' kellem lill-imputat ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija. L-imputat biddel il-verzjoni tieghu u qal illi ghalkemm kien dahhal idejh fil-basket tal-vittma ma kien seraq xejn. Izda meta l-Ispettur kompla jkellmu u qallu li bil-gideb ma kienx ser jirranga zbalji l-imputat rega' infexx jibki u ammetta s-serq tac-curkett. Huwa fil-fatt irrilaxxja volontarjament stqarrija li giet esebita u giet immarkata bhala Dok MB 2. Matul il-hin kollu li l-Ispettur dam ikellem lill-imputat hareg fic-car illi l-aktar haga li bdiet iddejjaq lill-imputat kien kif kien ser jikkonfronta lill-familjari tieghu b'dak illi kien ghamel u ghalhekk l-Ispettur kellem lill-familjari tal-imputat u talabhom jghinuh kemm felhu u wieghed lill-imputat illi kien dispost illi jghinu jekk kellu xi problema ta' abbuz mid-droga. L-imputat insista illi dan ma kienx il-kaz. Wara illi intemmet kull tama illi jinstab ic-curkett, l-imputat hallas l-ammont kollu li kien jiswa dan ic-curkett lill-vittmi u l-ircevuta saret fil-prezenza tal-Ispettur Bonnici. B'hekk allura l-vittmi hadu lura l-ammont ta' erba' telef u hames mitt lira, l-ammont kollu kemm kien jiswa c-curkett.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti hija konvinta wara illi semghet il-provi kollha illi l-ammissjoni tal-imputat meta irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur kienet wahda konvincenti ferm, u ghalhekk il-

prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat.

Illi certament li kieku l-imputat ma seraqx ic-curkett in kwistjoni qatt ma kien ser jghaddi sabiex ihallas somma daqstant konsiderevoli ta’ erba’ telef u hames mitt lira lill-vittmi.

Ghalhekk wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju, 2002 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu b’dan illi qieghed jigi liberat mir-reat ta’ ricettazzjoni una volta li gie ippruvat is-serq. Il-Qorti, ghall-fini ta’ piena, ikkunsidrat il-fatt illi l-vittmi gew rikompensati. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ammetta mal-Ispettur u ikkoopera mieghu matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi huwa ghandu fedina penali netta hlief ghal kontravvenzjoni fis-sens ta’ ksur tar-regolamenti tat-traffiku u ghaldaqstant il-Qorti tara li piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut u ikun aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, kif fil-fatt jidher illi ghamel peress illi huwa jahdem full time u huwa wkoll mizzewweg. Ghalhekk il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni that kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------